# RETTIFIKA

## Rettifika tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1393 tal-4 ta' Mejju 2016 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 640/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 225 tad-19 ta' Awwissu 2016)*

F'paġna 10, fl-Artikolu 1(7):

*minflok:* "2. Meta ma tkun ġiet imposta l-ebda penali amministrattiva fuq il-benefiċjarju skont il-paragrafu 1 għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-erjas għall-iskema ta' għajnuna jew għall-miżura ta' appoġġ ikkonċernati, il-penali amministrattiva msemmija f'dak il-paragrafu għandha titnaqqas bi 50 % jekk id-differenza bejn l-erja ddikjarata u l-erja stabbilita ma taqbiżx l-10 % tal-erja stabbilita.",

*aqra:* "2. Meta tkun għadha ma ġiet imposta l-ebda penali amministrattiva fuq il-benefiċjarju skont il-paragrafu 1 għal dikjarazzjoni eċċessiva tal-erjas għall-iskema ta' għajnuna jew għall-miżura ta' appoġġ ikkonċernati, il-penali amministrattiva msemmija f'dak il-paragrafu għandha titnaqqas b'50 % jekk id-differenza bejn l-erja ddikjarata u l-erja stabbilita ma taqbiżx l-10 % tal-erja stabbilita.".

## Rettifika tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 31 tal-1 ta' Frar 2002)*

*(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Volum 6, p. 463)*

It-terminu "Bord ta' l-Amministrazzjoni" jiġi sostitwit mit-terminu "Bord ta' Ġestjoni" fir-Regolament kollu.